MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1405/2002

**HOMEDECOR LTD**

vs

**ANTSAT MALTA LTD**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici pprezentat fid-9 ta' Dicembru, 2002 u ppremettiet illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja tal-fond, Satellite House, gia Homedecor, Valley Road, Msida;

Ippremettiet illi s-socjeta' konvenuta Antsat Malta Limited tikri minghand is-socjeta' attrici l-imsemmi fond skond skrittura datati 2 ta' Settembru, 1993 u bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija;

Ippremettiet illi s-socjeta' konvenuta naqset li thallas l-iskadenzi ta' kera dovuti ghall-perjodi 2 ta' Marzu, 2002 u 2 ta' Settembru, 2002 ammontanti ghal dsatax-il elf, tlett mija u tmien liri, u hamsin centezmu (Lm19308.50c);

Ippremettiet illi s-socjeta' attrici tavvali ruhha mill-kondizzjoni 'J' fl-imsemmija fejn ghandha dritt tittermina l-ftehim ta' lokazzjoni kemm il-darba l-inkwilin jonqos milli jhallas zewg skadenzi kera;

Ippremettiet illi ghalkemm interpellata is-socjeta' konvenuta naqset li tizgombra mill-imsemmi fond u subordinatament u minghajr pregudizzju ghal din l-interpelazzjoni lanqas ma hallset l-arretrati ta' kera dovuta;

Ippremettiet illi s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni valida fil-ligi.

Talbet ghalhekk is-socjeta' attrici ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tipprocedi bis-smigh ta' din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skond il-procedura preskritta fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tordna l-izgumbrament tas-socjeta' konvenuta mill-fond 'Satellite House', Valley Road, Msida, f'dik it-terminu li joghgobha tipprefiggi din il-Qorti;

3. Tordna is-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM19308.50c zewg skadenzi kera dovuti mis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-imghax u bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, b'dan ghall-fini tat-tieni talba, tordna li s-socjeta' konvenuta tizgombra mill-fond in kwistjoni fi zmien hmistax-il gurnata mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------